| | |
|---|---|
| **Lesson** | Year 3 – 6.4 – Religion |
| **Select Learner Year & Subject** | Year 3 – 6.4 – Religion |
| **Lesson Duration** | 45 min |
| **Lesson Title** 1 of 12 max words. | Jien nista' nkun Xmun |
| **Short Description** | Illum se nerġgħu naraw dak li għamel Xmun ma' Ġesù meta għenu. Ġesù qalilna li kull min jgħin lil xi ħadd ikun qed jgħin lilu stess. Illum se nkompli nitgħallem li meta ngħin għandi nagħmel dan bil-qalb kollha. Jien ukoll nieħu pjaċir meta xi ħadd jgħinni u allura għandi nifhem kemm hu sabiħ li ngħin lil ħaddieħor ukoll. |
| **Lesson Description, Explain how the lesson should be carried out** | 1. Fil-lezzjoni ta' qabel ltqajna ma' Xmun iċ-Ċirinew li jibqa' magħruf bħala dak li għen lil Ġesù meta kien itela' t-Telgħa tal-Kalvarju. Illum ser naraw kif jien ukoll nista' nkun bħal Xmun iċ-Ċirinew.<br>2. Ara l-video *Kindress Boomerang*. https://www.youtube.com/watch?v=nwAYpLVyeFU<br>3. Jekk trid, tista' terġa' tarah u oqgħod attent kif in-nies jgħinu lil xulxin.<br>4. Aqra dan li ġej: Hawnhekk rajna ħafna eżempji ta' nies li kienu Xmun ieħor u għenu lil min sab ruħu f'diffikultà.<br>5. Iddiskuti ma' min qiegħed jieħu ħsiebek: Kif nistgħu nagħmlu bħal dawn in-nies?<br>6. Issa kompli aqra: Ġesù qalilna: "Kulma tagħmlu fost l-iżgħar minn dawn ħuti tkunu qed tagħmluh miegħi."<br>7. Wieġeb: Illum, fejn insibuh lil Ġesù?<br>8. Illum lil Ġesù nsibuh f'kull min hu marid, fqir, xiħ, persuni bi bżonnijiet speċjali, kull min għandu bżonn l-għajnuna.<br>9. Sib il-worksheet 6.4. Aqra l-ewwel paragrafu. Imbagħad, aqra s-silta ta' Attività 1 u wieġeb il-misotqsijiet u ddiskutihom ma' min qed jieħu ħsiebek.<br>10. Issa aqra s-sentenza li għandek fil-paġna l-oħra u mmarka dawk il-klemiet li juruk li biex tagħmilhom trid tbati.<br>11. Pinġi l-istampa ta' Xmun mgħobbi bis-salib.<br>12. Aqra l-istorja ta' Alison u imla l-vojt.<br>13. Issa ara d-diska: *I am helpful.* https://www.youtube.com/watch?v=ISHwjJtnV8s&spfreload=10 |
| **Featured Image** | Sib stampa u anke jekk taghmel il-link taghha. |
| **Video Link** | Hawn kollox mil-lesson |
| **Upload Resources** | Kemm tiktibli x'hemm fil-lesson. Attachments niehu hsieb jien. |